A.L. 87 tal-2026

ATT DWAR L-AGRIKOLTURA
(KAP. 639)

Regolamenti tal-2026 dwar il-Ġbir ta' Data dwar l-Agrikoltura

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 7 tal-Att dwar l-Agrikoltura, il-Ministru responsabbli għall-agrikoltura u l-affarijiet rurali, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, għan u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2026 dwar il-Ġbir ta' Data dwar l-Agrikoltura.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jipprovdi għall-ġbir ta' data relatata ma' attività agrikola u azjendi agrikoli, u għar-riċerka rilevanti li titwettaq dwarhom, għall-finijiet tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Politika Agrikola Nazzjonali u sabiex jiġu sodisfatti l-obbligi nazzjonali tan-Network tad-Data dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mill-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"art agrikola" tfisser kull art li fuqha ssir attività agrikola;

"Att" tfisser l-Att dwar l-Agrikoltura; Kap. 639.

"Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009" tfisser ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi n-Network tad-Data dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli;

"Regolament (UE) 2016/679" tfisser ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*).

(2) Sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra, kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti li ma humiex imfissra hawnhekk, għandu jkollhom l-istess tifsira kif mogħti lilhom fl-Att.

Setgħa li tinġabar data.

3. (1) Għall-finijiet tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Politika Agrikola Nazzjonali kif imsemmi fl-artikolu 3(1)(a) tal-Att u għall-finijiet tat-twettiq tal-obbligi tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009, id-Direttur għandu jkollu s-setgħa li jiġbor id-data meħtieġa u rilevanti mingħand kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika involuta f'attività agrikola jew xort'oħra relatata ma' prodotti agrikoli.

(2) Bla ħsara għall-ġeneralità tas-subregolament (1), id-Direttur għandu jiġbor kwalunkwe informazzjoni minn dawn li ġejjin:

(a) l-erja tal-art fejn tkun qiegħda ssir attività agrikola;

(b) il-bhejjem miżmuma fl-azjenda agrikola;

(ċ) it-titolu, l-awtorizzazzjoni jew xorta oħra ta' permess li bih l-art agrikola hija okkupata;

(d) ix-xogħol u l-ħaddiema involuti;

(e) l-aspetti kollha tal-produzzjoni u l-ipproċessar ta' prodotti agrikoli, inkluż iżda mhux limitatament għall-istruttura tal-azjenda agrikola, il-post, iż-żamma tal-kotba finanzjarji, l-impjiegi u l-prattiċi agrikoli u tal-ipproċessar; u

(f) tali informazzjoni u, jew data oħra li tikkonċerna l-industrija agrikola ta' Malta kif id-Direttur jista' jeħtieġ, liema data hija strettament relatata mal-kompiti u l-funzjonijiet tad-Direttur skont l-Att u r-regolamenti magħmula taħtu.

(3) Id-Direttur, jew kwalunkwe uffiċjal awtorizzat minnu, għandu joħroġ avviż bil-miktub li jordna lil kwalunkwe persuna sabiex tipprovdi d-data mitluba għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, f'dak iż-żmien u l-mod kif speċifikat fl-avviż.

(4) Kwalunkwe persuna li tonqos milli tħares ir-rekwiżit tas-subregolament (3) għandha tkun ħatja ta' reat skont id-dispożizzjonijiet tal-Att.

Aġenzija ta' kollegament.

4. (1) Id-Direttorat tal-Agrikoltura għandu jservi bħala l-aġenzija ta' kollegament għal Malta għall-finijiet kollha tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009.

(2) Id-Direttorat għandu jkun responsabbli għat-twettiq tar-rekwiżiti u l-obbligi tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009.

Il-protezzjoni tad-data. Kap. 586.

5. (1) Dawn ir-regolamenti ma għandhomx jippreġudikaw l-applikabbiltà tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*, inkluż ir-regolamenti magħmula

taħtu u d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-data.

(2) Id-Dipartiment għall-Affarijiet Rurali li jaġixxi fil-kapaċità ta' kontrollur skont l-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2016/679, għandu jwettaq l-operat rilevanti tal-ipproċessar tad-data li huma limitati sal-punt meħtieġ għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, u għal dak li huwa meħtieġ u proporzjonat għall-objettivi li d-Dipartiment jimmira għalihom.

(3) L-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti għandu jikkonforma bis-sħiħ mal-prinċipji relatati mal-ipproċessar ta' data personali skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/679.

(4) Kwalunkwe data personali miġbura mill-kontrollur skont dawn ir-regolamenti għandha tiġi pproċessata biss għall-finijiet tal-iżvilupp tal-politika u r-riċerka.

Salvagwardji xierqa.

6. (1) Il-kontrollur, waqt li jieħu kont tan-natura, l-ambitu, il-kuntest u l-għanijiet tal-ipproċessar kif ukoll ir-riskji ta' probabbiltà u gravità li jvarjaw għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data, għandu jimplimenta miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa, b'mod effettiv u jintegra s-salvagwardji meħtieġa fl-ipproċessar, sabiex jipproteġi d-drittijiet tas-suġġetti tad-data u jiżgura livell ta' sigurtà xieraq għar-riskju.

(2) L-uffiċjal għall-protezzjoni tad-data magħżul mill-kontrollur skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2016/679 għandu jiġi involut u debitament ikkonsultat b'mod tempestiv dwar il-kwistjonijiet kollha fir-rigward tal-protezzjoni ta' data personali pproċessata għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Għall-fini li jiġi żgurat u sabiex ikun jista' jintwera li l-ipproċessar ta' data personali jitwettaq skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679, il-kontrollur għandu jimplimenta l-politiki xierqa dwar il-protezzjoni tad-data, liema politiki għandhom jiġu riveduti u aġġornati perjodikament fejn meħtieġ.